01 ta’ Settembru 2014

Seduta Nru: 31 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 18 t’ Awwissu 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John, J.M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għal parti mill-laqgħa l-Perit Matthew Bugeja.

**Skużati:** Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba li kien imsiefer u Vincenza Attard minħabba li kienet indisposta.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-11 t’ Awwissu 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 30 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

**2.1** Paġna nru: 3 para 5.1 – Iċ-*Chairman* informa li t-talba li kienet saret lil Onor Stefan Buontempo waqt iż-żjara ta' kortesija li kellu mal-Kunsill dwar il-possibilita ta' l-estenzjoni ta' l-impjieg tas-Sinjura Marion Monaco, liema talba kienet mibgħuta wkoll lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, jidher li mhix ser tkun aċċettata. Huwa kompla jgħid li kellu kuntatt ma' persuna li hi mpjegata bħala skrivana ma' l-Enemalta u li wriet interess li tibdel il-post ta' l-impjieg tagħha. Huwa qal ukoll li din il-persuna għandha esperjenza tax-xogħol amministrattiv u għalhekk kien għamel talba uffiċjali lill-*PAHRO* biex tiġi ssekondata mal-Kunsill Lokali.

**2.2** Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-laqgħa li saret fit-13 t'Awwissu 2014 fis-6.00 p.m. fil-*Bayview Hotel* mill-Onor Ministru Manwel Mallia għar-residenti Gżirjani. Huwa qal li ġew diskussi diversi materji fosthom il-ħmieġ tal-ħamiem, miżuri ta' sigurta' ħruġ ta' skart domestiku wara l-ħin u *issues* relatati mat-*Transport Malta.*

L-Onor Ministru qal fost affarijiet oħra li kien ser jiżdied in-numru ta' Pulizija fit-toroq.

Matul id-diskussjoni li saret, il-*Minority Leader* Charles Micallef St John ssuġġerixxa li speċjalment fl-appartamenti mikrija lill-barranin għandhom jitwaħħlu *posters* fl-entratura ta' l-appartamenti li jindikaw il-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart u jkun responsabbli għalihom sidhom. Ġiet diskussa wkoll il-problema tan-nuqqas ta' *litter bins* u għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tinħareġ *Expression of Interest* biex jinxtraw *litter bins* mingħajr għatu ta' madwar 50 litru u ssir talba għall-*Environmental Warden (extra)* darba fil-ġimgħa.

**2.3** Paġna Nru: 2 – para 3.1 – Il-Kunsillier J.M. Muscat qal li kien attenda is-*seminar* li kien sar fit-23 ta' Lulju 2014 dwar l-*Integrazzjoni tal-priġunieri fis-suq tax-xogħol: Xi jmiss?* Huwa kompla jgħid li kien interessanti ħafna u ġie ssuġġerit li l-Kunsilli Lokali għandhom ikunu minn ta' l-ewwel fl-impjieġ ta' ex-priġunieri biex jottjenu *self esteem* u l-valuri morali.

**2.4** Paġna Nru: 4 – para 5.3 – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-preparamenti għall-kunċert Vokali u Strumentali kienu mexjin b'ritmu tajjeb u ġie deċiż unanimament li din għandha tkun attivita' annwali li ssir dejjem kull l-aħħar Ġimgħa *(Friday)* t' Awwissu.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-18 t' Awwissu 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-kwotazzjoni tal-kuntattur *J&K Contractors Ltd* sabiex isir it-tindif ta' l-i*storm water culverts* fil-lokalita' għall-ammont ta' €1,800 VAT inkluża. Il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat sabiex ix-xogħol jibda' mill-aktar fis possibbli u dan skont *Memo 20/2014*.

**3.2** Rigward ilmenti li l-Kunsill irċieva dwar ħruġ ta'skart domestiku f'kull ħin tal-ġurnata minn appartamenti Nru: 50 Triq Sir Henry Bouverie, inqrat korrispondenza mibgħuta minn 115 The Strand li din is-sitwazzjoni kienet ser tiġi sorveljata kuljum.

**3.3** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva lista mill-*MEPA* ta' żewġ applikazzjonijiet għall-żvilupp waħda Triq ix-Xatt/Triq Ponsonby/Triq Coleridge u oħra Triq San Albert/Triq Madonna tal-Ġebla.

**3.4** Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Av. Dr. Ruth Scott għan-nom tas-Sur Philip Myers li kien qed jilmenta dwar:

- l-għeluq ta' ġnien pubbliku fil-kumpless *Savoy Gardens* liema ġnien kellu jkun aċċessibli għall-pubbliku.
- l-bankina fi Triq Reid li kienet saret mill-istess kumpless wara li tlesta x-xogħol kienet tiżloq.
- bozza tal-Gvern li bil-lejl it-triq tkun fid-dawl faċċata ta' fejn joqgħod is-Sur Myers.
- li għandhom isiru żewġ *traffic calming measures* minħabba li vetturi jinstaqu b'veloċita qawwija minn din it-triq.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li:

- rigward il-ġnien pubbliku l-*MEPA* hi l-Awtorita' kompetenti u mhux il-Kunsill.
- l-Kunsill għandu jinforma lid-*Ditta Savoy Gardens* sabiex titranġa l-bankina.
- l-Kunsill għandu jikkuntattja lill-kuntrattur sabiex jara jekk il-bozza ta' mal-ħajt tistax tinbidel u ssir *central hanging.*
- ssir talba għal żewġ *traffic calming measures* lit-*Transport Malta.*

**3.5** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/30 minn numru 1337 sa 1381 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat b'eċċezzjoni ta' *request sheet* nru: 1373 – *Twilight Sound System* sakemm tinstab alternattiva oħra.

Il-Perit Matthew Bugeja daħal għall-laqgħa.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni *Tender GLCT001/2014-Asphalt Works Triq Manoel de Vilhena***

**5.1** Iċ-*Chairman* informa li rigward is-suġġett sopraċitat *bidder* wieħed ssottometta t-*tender* li kien:

- *Polidano Bros Ltd €159,960.73*

Il-Perit qal li ma' dan l-ammont jrid jiżdied l-ammont ta' madwar €25,000 li huma spejjeż relatati ma' xogħlijiet tal-*Water Services Corporation* u għaldaqstant l-ammont globali hu ta' madwar €185,000.

Iċ-*Chairman* qal li l-parti li kienet ser tiġi asfaltata kienet minn Triq D'Argens sa Triq Kubrit u minn Triq ir-Rebħa sax-Xatt.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni *Tender GLCT003/2014-Emergency Tender for Pavement & Kerbs***

**6.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li *bidder* wieħed sottometta l-offerta tiegħu li kien:

- Sur Joseph Tabone €12,273.66 VAT inkluża

Is-Sur Mario Pace membru ta' l-*Agudicating Committee* qal fir-rapport tiegħu li jirrakomanda li din it-*tender* tingħata lis-Sur Tabone diment li tiġi sodisfatta l-*compliance check* mill-Perit tal-Kunsill.

Il-Perit Matthew Bugeja qal li fl-opinjoni tiegħu ċerti fatturi ma kienux daqstant ċari fit-*tender* kif sottomess u għaldaqstant issuġġerixxa li ssir laqgħa ta' kjarifika mal-kuntrattur. Għal din il-laqgħa kellhom jattendu ċ-*Chairman*, il-Kunsillier Charles Micallef St. John, il-Perit Matthew Bugeja u l-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Tender GLCT002/2014 – Project Manager* tal-Kunsill**

**7.1** Il-Kunsill qabel unanimament li din il-materja tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1** Iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni għad-diversi lmenti li l-Kunsill kien qed jirċievi dwar l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq Ponsonby għal Triq Carlo Manche'. Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li ssir talba għal *Traffic Calming Measure* lit-*Transport Malta* u li x-xogħol isir mid-ditta *Polidano Bros Ltd* minħabba l-kuntratt eżistenti tal-*P.P.P.*

Dwar din il-materja ġie deċiż ukoll li għandhom isiru *Traffic Calming Measures* fis-segwenti toroq minħabba sewqan abbużiv:

Triq Sir William Reid 'l isfel mid-Denaby Confectionery
Triq Sir William Reid ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali
Triq Manoel de Vilhena qabel Triq Luqa Briffa
Triq Sir Charles Cameron qabel toħroġ għal Triq Sir Patrick Stuart
Triq Sir F Ponsonby 'l fuq mix-Xatt sa l-ewwel kantuniera
Triq Sir F Ponsonby ħdejn Tanti Palmier

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku u għaldaqstant għandha tintbagħat it-talba lit-*Transport Malta.*

**8.2** Iċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jibgħat ittra lil dawk ir-residenti li kienu qed jostakolaw il-bankina b'xi *planters* u oġġetti simili u dan minħabba l-fatt li kienu qed ikunu ta' detriment għall-pubbliku.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal iċ-*Chairman* u li din il-korrispondenza għandha tintbagħat reġistrata.

**8.3** Iċ-*Chairman* qal li għalkemm l-ilmenti tar-residenti kienu qed jiġu *monitored* billi jintbagħtu lid-diversi entitajiet konċernati u sussegwentament kull korrispondenza relatata ma' l-ipproċessar ta' l-ilment tiġi arkivjata b'tali mod li l-eżitu ta' l-ilment ikun jista' jissegwa faċilment, il-lista ta' l-ilmenti li kienet tintbagħat fl-aħħar ta' kull xahar lill-membri tal-Kunsill ma baqgħatx tintbagħat. Dan minħabba l-fatt li l-impjegat Dott Mattia Felice ġie nkarigat b'xogħlijiet oħra minħabba nuqqas ta' riżorsi umani fil-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-A/Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-impjegat soprcitat b'din il-materja.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 1 ta' Settembru 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |